



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.4.2026
COM(2026) 183 final

2026/0099 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1157 fir-rigward tal-projbizzjoni tal-esportazzjoni
ta' skart muniċipali mħallat destinat għall-irkupru**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-Artikolu 44(2)(f) tar-Regolament (UE) 2024/1157 dwar vjeġġi ta' skart ("ir-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart") jipprevedi li, mill-21 ta' Mejju 2026, l-esportazzjoni ta' skart muniċipali mħallat għall-irkupru mill-UE lejn pajjiżi terzi (inkluża l-Iżvizzera) ma hijiex se tibqa' permessa. Din id-dispożizzjoni ġiet adottata bħala parti mill-politika ambjentali ġenerali tal-UE biex titnaqqas il-ġenerazzjoni ta' skart muniċipali mħallat (jiġifieri skart iġġenerat minn unitajiet domestiċi li ma jinġabarx separatament). L-objettiv tagħha kien li tippromwovi t-trattament ta' skart muniċipali mħallat f'faċilitajiet li joperaw skont l-istandards tal-UE u li jinsabu qrib il-post fejn jiġi ġġenerat, f'konformità mal-prinċipju ta' prossimità, kif ukoll l-effiċjenza materjali u l-ħtieġa li titnaqqas l-impronta ambjentali tal-iskart.

Kull sena, madwar 200 000 tunnellata ta' skart muniċipali mħallat jiġu ttrasportati minn Stati Membri differenti tal-UE lejn l-Iżvizzera. Sehem kbir ta' dan l-iskart joriġina minn lokalitajiet li jinsabu qrib ħafna tal-Iżvizzera. Id-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 44(2)(f) tar-Regolament dwar il-Vjeġġi ta' Skart iwaqqaf prattika li ilha stabbilita sew. Din il-projbizzjoni se ċċaqlaq it-trasport ta' tali skart lejn faċilitajiet oħrajn li jinsabu fl-UE, iżda li jinsabu aktar 'il bogħod mill-installazzjonijiet Żvizzeri li bħalissa jintużaw mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE u mill-operaturi tal-immaniġġjar tal-iskart.

Id-data pprovduta minn dawn l-awtoritajiet u mill-partijiet ikkonċernati turi li projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' skart muniċipali lejn l-Iżvizzera żżid sostanzjalment il-kostijiet għall-immaniġġjar ta' dan l-iskart u tiġġenera eċċess ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati mat-trasport addizzjonali bit-triq (u s-sostituzzjoni tat-trasport bil-ferrovija li bħalissa qed jintuża għat-trasferiment tal-iskart mill-Awstrija lejn l-Iżvizzera). Barra minn hekk, il-benefiċċji assoċjati ma' din il-miżura (żieda fl-attività ekonomika marbuta mat-trattament tal-iskart fil-faċilitajiet tal-UE; tnaqqis fid-dipendenza fuq l-esportazzjoni tal-iskart għall-immaniġġjar tal-iskart iġġenerat fl-UE) jidhru li huma limitati. Fid-dawl ta' dan, il-miżura ma tidhirx proporzjonata meta mqabbla mal-objettivi li tftitex li tilħaq. F'konformità mal-aġenda ta' simplifikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għalhekk tipproponi emenda mmirata ħafna u limitata għar-Regolament dwar il-Vjeġġi ta' Skart biex jiġi emendat l-Artikolu 44(f), sabiex b'hekk l-esportazzjoni ta' skart muniċipali mħallat għall-irkupru lejn l-Iżvizzera tkun tista' tkompli. L-esportazzjoni ta' tali skart għar-rimi (rimi fil-landfills jew inċinerazzjoni mingħajr irkupru tal-enerġija) se tiġi pprojbita.

Fil-Komunikazzjoni COM(2025)980 "Simplifikazzjoni għal kompetittività sostenibbli" li takkumpanja l-pakkett tal-Omnibus Ambjentali adottat f'Diċembru 2025 (Simplifikazzjoni tal-piżijiet amministrattivi fil-leġiżlazzjoni ambjentali), il-Kummissjoni rrikonoxxiet it-tħassib li tqajjem dwar dawn il-kwistjonijiet mill-partijiet ikkonċernati u mill-awtoritajiet fl-Istati Membri kkonċernati (l-Awstrija, Franza, il-Ġermanja u l-Italja), fejn is-sitwazzjoni ġeografika f'ċerti reġjuni tiġġustifika l-esportazzjoni ta' tali skart permezz ta' mezzi ta' trasport aktar sostenibbli lejn faċilitajiet tal-immaniġġjar tal-iskart fil-qrib f'pajjiżi ġirien. Il-Kummissjoni indikat li se tesplora mal-koleġiżlaturi kif għandha tindirizza l-kwistjoni fil-ħin fl-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari jew permezz ta' għodod leġiżlattivi oħrajn, f'konformità mal-objettivi tar-Regolament dwar il-Vjeġġi ta' Skart u tal-aġenda tad-dekarbonizzazzjoni tal-UE. L-aktar mod effettiv u rapidu biex tiġi indirizzata din il-problema huwa li titressaq proposta awtonoma biex jiġi emendat l-Artikolu 44(2)(f) tar-Regolament (UE) 2024/1157.

Din il-proposta tinkludi dispożizzjonijiet immirati li jikkonċernaw biss kjarifika li l-projbizzjoni li l-iskart municiċipali mħallat jiġi ttrasportat għall-irkupru ma tapplikax meta tali skart jiġi esportat lejn l-Iżvizzera. Huwa importanti li din il-proposta tiġi adottata mill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli, sabiex ikun jista' jintlaħaq qbil malajr mill-koleġiżlaturi, u dan jevita li jiġu mfixkla l-vjeġġi ta' skart municiċipali mħallat lejn l-Iżvizzera. L-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2024/1157 se jidħol fis-seħħ fil-21 ta' Mejju 2026; il-kunsensi għall-vjeġġi ta' skart municiċipali mħallat huma validi sa massimu ta' sena, li jfisser fil-prattika li l-vjeġġi li għalihom ingħataw kunsensi qabel il-21 ta' Mejju 2026 se jiġu awtorizzati wara dik id-data, sa, bħala massimu, l-20 ta' Mejju 2027. Dan huwa konformi mal-Artikolu 85(3) tar-Regolament (UE) 2024/1157. Għalhekk, huwa essenzjali li l-emenda tal-Artikolu 44(2) tiġi adottata u tidħol fis-seħħ qabel dik id-data finali.

Modifiki jew derogi ulterjuri possibbli mir-Regolament dwar il-Vjeġġi ta' Skart jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni u l-għanijiet ta' din il-proposta. Il-Kummissjoni se timpenja ruħha b'mod kostruttiv mal-koleġiżlaturi biex tiżgura li l-proċess leġiżlattiv jippreserva bis-siħ l-oġettiv essenzjali ta' din il-proposta u ma jbidilx l-intenzjoni tagħha.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

B'mod ġenerali, l-esportazzjoni tal-iskart lejn l-Iżvizzera ssegwi l-istess regoli bħall-vjeġġ transkonfinali tal-iskart bejn l-Istati Membri. Il-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni tal-iskart municiċipali mħallat għall-irkupru skont ir-Regolament dwar il-Vjeġġi ta' Skart kienet eżenzjoni minn din ir-regola ġenerali. B'din il-proposta leġiżlattiva, se tinżamm il-konsistenza mar-regoli dwar l-esportazzjoni tal-iskart bejn l-Istati Membri tal-UE u bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Iżvizzera.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-emenda proposta għandha essenzjalment l-għan li żżomm l-*istatus quo*, fir-rigward tas-sitwazzjoni speċifika tal-esportazzjoni ta' skart municiċipali mħallat mill-Unjoni lejn l-Iżvizzera. Dan ma joħloq l-ebda inkonsistenza mal-politiki tal-Unjoni.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali hija l-istess bħall-bażi legali tar-Regolament dwar il-Vjeġġi ta' Skart (WSR), jiġifieri l-Artikolu 192 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistipula kif jenħtieġ li jiġi implimentat l-Artikolu 191 tat-Trattat. L-Artikolu 191 jindirizza l-politika tal-UE dwar l-ambjent, li trid tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġettivi li ġejjin:

- il-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent,
- il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem,
- l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali u
- l-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali biex jittrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali u, b'mod partikolari, biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta għandha l-għan li temenda r-Regolament dwar il-Vjeġġi ta' Skart, li jirregola l-vjeġġi tal-iskart bejn l-Istati Membri tal-UE, kif ukoll bejn l-UE u pajjiżi terzi. Hemm regoli armonizzati tal-UE dwar il-vjeġġi tal-iskart li ilhom fis-seħħ għal ħafna snin, maħsuba biex jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda ostaklu bla bżonn fil-livell nazzjonali għall-vjeġġi transfruntieri tal-iskart bejn l-Istati Membri tal-UE. Tali armonizzazzjoni hija wkoll meħtieġa biex tiġi evitata sitwazzjoni fejn l-operaturi illegali jagħżlu li jittrasportaw l-iskart tagħhom l-

ewwel minn Stati Membri b'regoli domestiċi inqas stretti minn oħrajn, sabiex wara jkunu jistgħu jesportaw dan l-iskart mill-UE lejn pajjiżi terzi (xenarju ta' port-hopping). Huwa wkoll ġustifikat li jkun hemm regoli armonizzati dwar l-esportazzjoni tal-iskart lejn l-Iżvizzera, li jippermettu trattament ugwali u ċarezza legali għall-operaturi kollha tal-iskart fl-UE li jixtiequ jittrasportaw l-iskart lejn dan il-pajjiż.

- **Proporzjonalità**

L-esklużjoni tal-Iżvizzera mill-projbizzjoni tal-esportazzjoni ta' skart municijali mħallat għall-irkupru tneħħi ostaklu futur biex jiġi żgurat immaniġġjar ambjentalment sod tal-iskart municijali mħallat għall-irkupru fl-eqreb faċilità. L-emendar tar-Regolament b'mod immirat ħafna se jindirizza proporzjonalment it-tħassib li tqajjem dwar il-kwistjonijiet mill-partijiet ikkonċernati u mill-awtoritajiet fl-Istati Membri kkonċernati mingħajr ma jaffettwa partijiet oħrajn tar-Regolament jew mingħajr ma jkollu impatt fuq l-għanijiet tar-Regolament.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament kif jibdel Regolament eżistenti

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Din il-proposta ma tirriżultax minn evalwazzjoni ex post jew kontroll tal-idoneità

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Diversi partijiet ikkonċernati minn reġjuni li jmissu mal-Iżvizzera qajmu tħassib dwar l-impatt tal-Artikolu 44(2)(f) tad-WSR fuq l-attivitajiet tagħhom, b'mod partikolari bħala parti mill-konsultazzjoni pubblika għat-tnejn tal-pakkett Omnibus Ambjentali adottat f'Diċembru 2025 (Simplifikazzjoni tal-piżijiet amministrattivi fil-leġiżlazzjoni ambjentali).

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

L-awtoritajiet Awstrijaċi u Ġermaniżi pprovdew data dwar l-impatti ambjentali u ekonomiċi ta' projbizzjoni futura fuq l-esportazzjoni ta' skart municijali mħallat lejn l-Iżvizzera meta mqabbla ma' alternattivi fl-Istati Membri kkonċernati (l-Awstrija, Franza, il-Ġermanja, l-Italja). Din id-data turi li tali projbizzjoni jkollha impatt ekonomiku u ambjentali fil-biċċa l-kbira negattiv.

L-illustrazzjonijiet ta' hawn taħt, li jirriżultaw mir-reġjun tal-fruntiera Awstrijaka ta' Vorarlberg u ż-żona tal-fruntiera Ġermaniża f'Baden-Württemberg, jipprovdu ċifri kwantifikati ta' dan l-impatt.

Implikazzjonijiet ambjentali

Ir-riprogrammar tar-rota tal-iskart li bħalissa qed jiġi ttrasportat lejn l-Iżvizzera lejn postijiet oħrajn twassal għal trasport bit-triq itwal. Pereżempju, it-trasport bil-baħar ta' skart municijali mħallat mir-reġjun ta' Vorarlberg fl-Awstrija lejn l-eqreb faċilità fl-Iżvizzera huwa għaxar darbiet iqsar mill-aktar għażla probabbli fl-Awstrija (40 km vs 400 km). Barra minn hekk, il-maġġoranza tal-vjeġġi ta' skart mill-Awstrija lejn l-Iżvizzera jiġu operati permezz tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija. Dan ikollu jiġi sostitwit bit-trasport bit-trakkijiet. Fuq dik il-bażi, jista' jiġi stmat li t-trasport kurrenti tal-iskart lejn l-Iżvizzera jikseb iffrankar ta' madwar 1 400 tonnellata ta' CO₂ fis-sena, meta mqabbel mat-trasport lejn faċilità simili fl-UE.

Barra minn hekk, bħalissa, 15 000 tunnellata ta' residwi mill-inċinerazzjoni tal-iskart bl-irkupru tal-enerġija qegħdin jiġu ttrasportati lura mill-Iżvizzera direttament lejn Vorarlberg kull sena, u b'hekk jiġi żgurat l-aħjar użu tal-loġistika tat-trasport eżistenti u jiġu sfruttati s-sinerġiji mill-kooperazzjoni reġjonali.

Fl-aħħar nett, kieku l-iskart kellu jiġi ttrasportat fuq distanzi itwal, jistgħu jkunu mistennija effetti negattivi fuq it-traffiku intra-Alpin (bħal tniġġis tal-arja, storbju, pressjoni fuq l-infrastruttura, tibdil fil-klima). Dan jista' jwassal ukoll għal riskju oġhla ta' aċċidenti b'żieda fit-traffiku tat-trakkijiet fit-toroq muntanjużi.

Fil-każ tal-Ġermanja, id-devjazzjoni tal-flussi tal-iskart lejn l-eqreb impjanti tal-irkupru enerġetiku f'Baden-Württemberg tirriżulta f'distanzi tal-ivvjaġġar addizzjonali sinifikanti li jammontaw għal madwar 887 000 km fis-sena tul iż-żoni tal-fruntieri affettwati. Dan jirriżulta f'piż addizzjonali annwali tal-emissjonijiet ta' CO₂ ta' madwar 383 tunnellata kif stmat mill-awtoritajiet Ġermaniżi. Dawn iċ-ċifri huma bbażati fuq l-aktar xenarji favorevoli possibbli minħabba li x'aktarx li l-iskart ikollu jivvjaġġa aktar 'il bogħod minn Baden-Württemberg għat-trattament f'każ li ma jkunx dirett lejn faċilitajiet Żviżzeri fil-qrib.

Filwaqt li l-Iżvizzera ma hijiex marbuta bid-dritt tal-Unjoni, bħad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali u l-emissjonijiet mit-trobbija tal-bhejjem), il-faċilitajiet tal-irkupru enerġetiku fl-Iżvizzera huma soġġetti għal standards għoljin fir-rigward tal-kontrolli tat-tniġġis. Għalhekk, l-esportazzjoni ta' skart muniċipali mħallat lejn dawn il-faċilitajiet mhux se tirriżulta fit-trattament tal-iskart iġġenerat fl-UE f'kundizzjonijiet li huma inqas ambjentalment tajbin milli fl-UE.

Implikazzjonijiet tal-kost ekonomiku:

Minbarra emissjonijiet oġhla ta' CO₂ u l-ħtieġa għal trasport bit-triq fuq distanza twila minn reġjuni muntanjużi, il-kostijiet ekonomiċi għat-trasport u t-trattament ta' skart muniċipali mħallat jiżdiedu jekk il-projbizzjoni tal-esportazzjoni stabbilita fl-Artikolu 44(f) tar-Regolament dwar il-Vjeġġi ta' Skart tibda tapplika għall-Iżvizzera.

L-istimi mir-reġjun ta' Vorarlberg juru li l-kostijiet tat-trasport se jiżdiedu mill-inqas b'fattur ta' 10 u l-kostijiet tat-trattament b'madwar 40 %. L-awtoritajiet Ġermaniżi indikaw ukoll li l-projbizzjoni tal-esportazzjoni twassal għal kostijiet oġhla għall-muniċipalitajiet responsabbli mill-immaniġġjar tal-iskart muniċipali mħallat f'Baden Württemberg.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma hija meħtieġa l-ebda valutazzjoni tal-impatt minħabba li l-impatti huma mistennija li jkunu limitati fil-livell tal-UE u l-għażla politika dwar kif jinkiseb l-eżitu mixtieq hija limitata.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta se tissimplifika l-attivitajiet tal-muniċipalitajiet u tal-kumpaniji tal-immaniġġjar tal-iskart li bħalissa qed jittrasportaw skart muniċipali mħallat lejn l-Iżvizzera, meta mqabbla ma' sitwazzjoni fejn tali vjeġġi kienu jkunu pprojbiti.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma ġiet identifikata l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux Applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 fih id-dispożizzjoni emendata għall-paragrafu 2, is-subparagrafu f tal-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2024/1157. Huwa jiċċara li l-projbizzjoni tat-trasport bil-baħar ta' skart muniċipali mħallat (imsemmija fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament dwar il-Vjeġġi ta' Skart) għall-irkupru ma tapplikax meta tali skart jiġi esportat lejn l-Iżvizzera.

L-Artikolu 2 jipprevedi d-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1157 fir-rigward tal-projbizzjoni tal-esportazzjoni ta' skart muniċipali mħallat destinat għall-irkupru

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-Artikolu 44(2)(f) tar-Regolament (UE) 2024/1157⁽¹⁾ jipprojbixxi, mill-21 ta' Mejju 2026, l-esportazzjoni ta' skart muniċipali mħallat għall-irkupru mill-UE lejn pajjiżi terzi. It-trasferiment ta' tali skart minn żoni tal-fruntiera lejn impjanti ta' trattament fil-qrib fl-Iżvizzera, li jipprevedu standards għoljin għall-immaniġġjar tal-iskart, ma jibqax jiġi awtorizzat, u b'hekk titwaqqaf Prattika li ilha stabbilita sew. Din il-projbizzjoni ċċaqlaq it-trasport ta' tali skart lejn pajjiżi oħrajn, f'faċilitajiet għall-immaniġġjar tal-iskart li jinsabu aktar 'il bogħod u tirriżulta fi trasport bit-triq addizzjonali għall-kuntrarju tat-trasport ferrovjarju. Dan iżid il-kostijiet għall-immaniġġjar ta' dan l-iskart u jiġġenera eċċess ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati mat-trasport bit-triq addizzjonali, filwaqt li l-benefiċċji tiegħu huma limitati ħafna. Fid-dawl ta' dan, huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 44(2)(f) tar-Regolament (UE) 2024/1157 biex jippermetti l-kontinwazzjoni tal-esportazzjoni ta' skart muniċipali mħallat għall-irkupru lejn l-Iżvizzera.
- (2) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/1157 jiġi emendat kif xieraq.
- (3) Billi l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-ħtieġa ta' armonizzazzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi,

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2024/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar vjeġġi ta' skart, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013 u (UE) 2020/1056 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L, 2024/1157, 30.04.2024

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 44(2) tar-Regolament (UE) Nru 2024/1157, il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:
“(f) l-esportazzjoni tal-iskart imsemmija fl-Artikolu 4(3) għandha tkun ipprojbata, ħlief lejn l-Iżvizzera;”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
[...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2024/1157 dwar il-vjeġġi ta' skart.

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Qasam ta' politika: 09 Attività Ambientali: 09 02 02 Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) - L-ekonomija ċirkolari u l-kwalità tal-ħajja

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. *Objettiv(i) ġenerali*

L-iskop tar-Regolament (UE) 2024/1157 huwa li jħares l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem kontra l-impatti negattivi li jistgħu jirriżultaw mill-vjeġġ tal-iskart. Dan jibqa' l-istess.

1.3.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

L-Artikolu 44(2)(f) tar-Regolament (UE) 2024/1157 jipprojbixxi, mill-21 ta' Mejju 2026, l-esportazzjoni ta' skart muniċipali mħallat għall-irkupru mill-UE, u b'hekk jeskludi lill-lżvizzera bħala destinazzjoni. Din id-dispożizzjoni mhux se tibqa' tawtorizza t-trasferiment ta' tali skart minn żoni tal-fruntiera lejn impjanti ta' trattament Żvizzeri fil-qrib, u b'hekk se twaqqaf prattika li ilha fis-seħħ għal ħafna snin diġà. Din il-projbizzjoni se ċċaqlaq it-trasport ta' tali skart lejn pajjiżi oħrajn, f'faċilitajiet għall-immaniġġjar tal-iskart li jinsabu aktar 'il bogħod. Dan se jżid il-kostijiet għall-immaniġġjar ta' dan l-iskart u se jiġġenera eċċess ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra marbuta mat-trasport bit-triq addizzjonali. Fil-Komunikazzjoni li takkumpanja l-pakkett omnibus ambjentali ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni indikat l-għarfien tagħha dwar it-tħassib li tqajjem dwar dawn il-kwistjonijiet mill-partijiet ikkonċernati u mill-awtoritajiet fl-Istati Membri kkonċernati (l-Awstrija, Franza, il-Ġermanja u l-Italja), b'mod partikolari fil-każ fejn is-sitwazzjoni ġeografika f'ċerti reġjuni tiġġustifika l-esportazzjoni ta' tali skart permezz ta' mezzi ta' trasport aktar sostenibbli lejn faċilitajiet għall-immaniġġjar tal-iskart fil-qrib f'pajjiżi ġirien. Il-Kummissjoni ma inkludiet l-ebda proposta biex tindirizza l-kwistjoni f'dan il-pakkett, iżda indikat li se tesplora mal-koleġiżlaturi kif il-kwistjoni għandha tiġi indirizzata fil-ħin fl-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari jew permezz ta' għodod leġiżlattivi oħrajn, f'konformità mal-objettivi tar-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart u tal-aġenda tad-dekarbonizzazzjoni tal-UE.

1.3.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Jiġu evitati kostijiet eċċessivi, kemm ekonomiċi kif ukoll ambjentali, tat-trasport tal-iskart bil-baħar fuq distanza twila minflok lejn l-eqreb faċilità.

1.3.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Kostijiet evitati għall-operaturi u għall-awtoritajiet tal-immaniġġjar tal-iskart fl-Istati Membri tal-UE li jmissu mal-lżvizzera. Tnaqqis fit-trasport bit-triq u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra assoċjati

1.4. **Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma’:**

- azzjoni ġdida
- azzjoni ġdida b’segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja ⁽¹⁾
- l-estensjoni ta’ azzjoni eżistenti
- fużjoni jew ridirezzjonar ta’ azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi(u) ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tmedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

M/A

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista’ jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta’ din it-taqsim, “valur miżjud tal-involviment tal-UE” huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Ir-regoli madwar l-UE kollha dwar il-vjeġġi ta’ skart jiżguraw li l-leġiżlazzjoni komprensiva tal-UE dwar l-iskart ma tiġix evitata permezz tat-trasport bil-baħar tal-iskart lejn pajjiżi terzi, fejn l-istandards u l-prestazzjoni tal-immaniġġjar tal-iskart huma differenti ħafna minn dawk tal-UE. Il-valur miżjud ta’ approċċ tal-UE għall-vjeġġ tal-iskart huwa wkoll li dan jiżgura konsistenza fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta’ Basel u tad-Deċiżjoni tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) minn kull Stat Membru. Id-dispożizzjonijiet dettaljati li jinsabu fid-WSR jevitaw li l-Istati Membri jiżviluppaw interpretazzjonijiet differenti ta’ dawn id-dispożizzjonijiet, li jfixklu l-vjeġġi tal-iskart fl-UE.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi*

M/A

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma’ strumenti xierqa oħra*

M/A

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta’ finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

M/A

1.6. **Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha**

- durata limitata**
 - fis-seħħ minn [JJ.XX]SSSS sa [JJ.XX]SSSS
 - impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta’ impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta’ pagament.
- durata bla limitu**

⁽¹⁾ Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS,
segwita minn operazzjoni fuq skala shiħha.

1.7. **Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)**⁽²⁾

- Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni
 - mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
 - mill-aġenziji eżekuttivi
- Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri
- Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:
 - lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
 - lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati);
 - lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
 - lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
 - lill-korpi tad-dritt pubbliku;
 - lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;
 - lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;
 - lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti
 - lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

[...]

2. **MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. **Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar**

⁽²⁾ Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: <https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx>.

Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva (LFS) tikkonċerna n-nefqa u l-akkwist tal-persunal, u japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta' nfiq.

2.2. **Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll**

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva (LFS) tikkonċerna n-nefqa u l-akkwist tal-persunal, u japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta' nfiq.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

M/A

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

M/A

2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva (LFS) tikkonċerna n-nefqa u l-akkwist tal-persunal, u japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta' nfiq.

3. **IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

3.1. **Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i**

Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhu x diff. ⁽³⁾	mill-pajjiżi tal-EFTA ⁽⁴⁾	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali ⁽⁵⁾	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
M/A	[XX.YY.Y Y.YY]	Diff./Mhu x diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
	[XX.YY.Y Y.YY]	Diff./Mhu x diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
	[XX.YY.Y Y.YY]	Diff./Mhu x diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

⁽³⁾ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

⁽⁴⁾ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁽⁵⁾ Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./mhu x diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
	[XX.YY.Y Y.YY]	Diff./Mhu x diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
	[XX.YY.Y Y.YY]	Diff./Mhu x diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
	[XX.YY.Y Y.YY]	Diff./Mhu x diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

3.2.1.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit invutat

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru					
DĠ: <.....>		Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2021-2027

			2024	2025	2026	2027	
Approprjazzjonijiet operazzjonali							
Linja baġitarja	Impenji	(1a)					0,000
	Pagamenti	(2a)					0,000
Linja baġitarja	Impenji	(1b)					0,000
	Pagamenti	(2b)					0,000
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiki ⁽⁶⁾							
Linja baġitarja		(3)					0,000
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ <.....>	Impenji	=1a+1b+3	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	=2a+2b+3	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
DĠ: <.....>			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021-2027
Approprjazzjonijiet operazzjonali							
Linja baġitarja	Impenji	(1a)					0,000
	Pagamenti	(2a)					0,000
Linja baġitarja	Impenji	(1b)					0,000

⁽⁶⁾ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

	Pagamenti	(2b)						0,000
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ⁽⁷⁾								
Linja baġitarja		(3)						0,000
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ <.....>	Impenji	=1a+1b+3	0,000	0,000	0,000	0,000		0,000
	Pagamenti	=2a+2b+3	0,000	0,000	0,000	0,000		0,000
			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021-2027	
TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0,000	0,000	0,000	0,000		0,000
